# Lill-Mitħna tal-*Għaqba*

Niftakrek jiena b'sitt dirgħajn, fil-għoli,
Bil-qlugħ mifruxa, ferħanin, qawwija:
Meta ma' dwarek kien ir-riħ jitliegħeb
U jbusek b'ħeġġa fil-jiem sbieħ mgħoddija.

Inti ġġib l-isem ta' dik l-għolja wieqfa,
Ta' bejn Ħal-Lija win-Naxxâr berrieħi:
Int kont il-għaxqa ta' l-inħawi ħiemda,
Fejn, fi tfuliti, jiena ġrejt ferrieħi.

Nistħajjel nara miġburin ma' dwarek,
Jarawk iddur, iddur, it-tfal ferħana;
Jew, minn ġo biebek b'xkora qamħ fuq rashom
Deħlin, tal-bdiewa, ix-xbejbiet felħana.

Għadda minn fuqna dak iż-żmien tal-hena:
Iż-żmien ta' meta biex nitgħaxxaq b'ġidek,
Jew, mgħaġġeb, nara kif il-qamħ jintaħan
Kont fik jien ngħaddi ftit taż-żmien fejn sidek.

Ix-xogħ'l naqaslek bħall-imtieħen l-oħra
Metulek niesek, bqajt bil-ħsieb titlajja
Marlek il-ferħ u bqajt biss wieqfa siekta
Bħal bniedem mifni bit-taħbit tal-ħajja.

Hekk ġrali jiena kif ħallejt lil dwarek
Għalbiex għall-ħajja jien nitqabad kmieni,
Kif waqt il-għawġ u d-dnewwa bdejt jien nifhem
Li f'din id-dinja ħadd tassew m'haw' hieni.

Int għadek hemm: trid bħallikieku tgħidli
Bis-sabar nilqa' n-niket fi rġuliti;
Iżda jien ngħidlek: ibqa' hemm, ja mitħna:
Għalbiex tfakkarni l-hena ta' tfuliti!...

Ħal-Lija. MARJU AGIUS